KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037
MALTA

TAS-SLIEMA

SLIEMA LOCAL COUNCIL
81 Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037.
Malta

Telephone: +356 2133 7633
E: sliema.lc@gov.mt
W: sliemalc.gov.mt/en/

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAL-GĦAXAR LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 5

Il-Ħames seduta tal-għaxar leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tlieta 15 t'Ottubru 2024 fis-6pm ġewwa The Palace, Triq il-Kbira Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Joe Aquilina | Kunsillier |
| | Wallace Baldacchino | Kunsillier |
| | Ryan Borg | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Jacqueline Higgins | Kunsillier |
| | Vivienne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Zack Zammit | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Anton Debono | Vici Sindku |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Muscat | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċċjali Prinċipali |

***Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:15pm:***

5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 4;
5.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
5.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
5.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto;
5.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti;
5.7 Mozzjonijiet;
5.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

## 5.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

**5.1.1** Il-Kunsill irċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-Viċi Sindku A. Debono, il-kunsilliera: David Muscat u Emmanuel Borg. Kien hemm qbil li jiġu skużati.

## 5.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 4;

5.2.1 *Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħa numru 4 għall-approvazzjoni tal-Kunsill*

Il-Kunsillier Z Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti u kien s-sekondat mill-kunsillier J Dougall. Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti.

## 5.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU;

5.3.1 Laqgħa Enemalta: *Laqgħa ma l-Enemalta*

F'din il-laqgħa li s-Sindku kellu, ġie kkonfermat li fit-28 t'Ottubru ser jinbeda x-xogħol ta' tqejied ta' kejbils ta' l-elettriku ġodda li jagħtu għas-*sub stations* f'żoni tal-lokalita' sabiex jissaħħaħ id-distribuzzjoni tad-dawl fil-lokal. Ix-xogħol ser jinbeda fit-toroq Santa Margerita, Howard u San Ġwann Bosco u oħrajn fil-viċinanzi.
Kompla jgħid li fl-istess laqgħa, huwa għamel talba sabiex il-lampi li hemm fuq il-*promenade* bejn Fond Għadir u Ġnien Indipendenza

5.3.2 Xogħol ta' Toroq u Bankini: *Toroq u bankini*

Is-Sindku spjega li waqt laqgħa li kellu ma l-Infrastructure Malta, ix-xogħolijiet ta' saf ġdid tat-toroq u bankini ġodda fi Triq Tigne' ser jibda f'Jannar 2025. Il-kunsill irċieva konferma ta' dan ix-xogħol bil-miktub

5.3.3 Ticket Booths: *Ticket Booths*

Is-Sindku qal li reġa' kellu laqgħa mad-dipartimenti tal-gvern konċernati u sa nofs ix-xahar ta' Novembru ser tibda l-operazzjoni ta' żgombru tat-*ticket booths* illegali ġewwa x-Xatt imbagħad ser jitħallew numru żgħir biss ħdejn il-*landing ferry*.

Il-Kunsillier K Wain saqsa jekk il-bejjiegħa fit-toroq, speċjalment dawk li qegħdin jokkupaw spazju pubbliku fuq il-bankina u għandhom il-kaxxa tad-dawl, ser jiġu mneħħija jew le?

Is-Sindku wieġeb, qal li talab lis-Super. Haber jikteb uffiċċjalment lill-Enemalta fejn jitlob li dawn il-bejjiegħa tneħħilhom id-dawl.

Il-Kunsillier J Dougall saqsa jekk l-Enemalta neħħilhom id-dawl, il-bejjiegħa jistgħu jarmaw b'generator?

Is-Sindku wieġeb, li mhux ser jitħallew jarmaw *generator*

Il-Kunsillier R Borg saqsa kif intgħażlu s-sitt *ticket booths* li ser jitħallew jarmaw?

Is-Sindku ikkwota l-*bye-law* tal-Kunsill dwar it-*ticket booths.*

5.3.4 Monument Triq Bisazza: *Triq Bisazza*

Is-Sindku spjega li l-istruttura artistika se tkun lesta sa nofs ix-xahar ta' Novembru u bħalissa qed isir xogħol fuq il-bażi tal-monument, li fih ser titħawwel siġra imdaqqsa bħala parti mill-istruttura kollha.

5.3.5 Laqgħa ma l-Onor. Omar Farrugia: *Ġnien Indipendenza*

Waqt din il-laqgħa li saret f'QSS u tkompliet permezz ta' mixja sal-Ġnien Indipendenza, l-Onor. ġie muri l-problemi strutturali li hemm fil-ħitan ta' taħt il-Ġnien. Is-Sindku spjega li fil-ġimgħat li ġejjien, il-kunsill ser ikollu konferma ta' meta ser jibda x-xogħol fil-Ġnien Indipendenza.

5.3.6 Laqgħa bejn il-kunsill, l-MTA u l-PWD: Funtani *Funtani*

Is-Sindku qal li waqt laqgħa li saret bejn dawn it-tlett entitajiet, l-MTA u l-PWD ikkonfermaw li fil-ġimgħat li ġejjien ser jiġi iffirmat MOU li ser jara li l-funtani kollha li ma jaħdmux u dawn ser jiġu imsewwija u mantenuti mill-istess dipartimenti.

Il-Kunsillier J Dougall saqsa jekk il-funtani kollha ta' madwar il-lokalita' ser jiġu msewwija.

Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

Il-Kunsillier K Wain saqsa jekk il-manutenzjoni tal-funtani ser ikun f'idejn l-MTA u l-PWD.

Is-Sindku wieġeb li l-kunsill ser jara li jinħareġ CFQ jew tender għal manutenzjoni tal-funtani wara li dawn jiġu msewwija.

5.3.7 Tender Howard/Dingli Żona Pedonali: *Żona Pedonali*

Is-Sindku spjega li l-valur tat-tender huwa dak ta' madwar EUR265,000, pero' l-prezz tat-*tenderer* huwa iktar mid-doppju tal-valur, EUR477,000.
Għaldaqstant is-Sindku talab lil kunsillieri preżenti sabiex wara li tagħ l-ispjegazzjoni dwar dan it-tender, jittieħed deċiżjoni biex it-tender jiġi mwaqqa'
Il-Kunsillier R. Borg saqsa jekk il-flus għal dan it-tender jista' jiġi mħallas nofs din is-sena u nofs is-sena ddieħla u b'hekk dan it-tender ma jiġix imwaqqa'.
Is-Seg. Eżek. spjega li l-kwistjoni hi li l-kunsill m'għandux biżżejjed finanzi sabiex iħallas l-ammont kollu ta' EUR477,000.
**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti**

5.3.8 Villa Schinas: *Villa Schinas*

Is-Sindku staqsa jekk hemm qbil mill-kunsillieri preżenti sabiex il-Kunsill jagħti l-appoġġ kollu tiegħu biex Villa Schinas tibqa' f'idejn il-komunità' Slimiża.
**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti**
Il-Kunsillier J Aquilina saqsa jekk il-kunsill għandux kumpanija tar-RP sabiex tinbena kampanja pożittiva dwar kif il-kunsill ser jiġġieled sabiex iżomm Villa Schinas għall-użu tal-komunità u jekk m'għandux jara kif jagħmel kuntatt għal parir. Kompla jgħid li l-kumpanija tal-RP tgħin fl-istrateġija ta' kif il-kunsill jista' iwassal il-messaġġ tiegħu.
**Kien hemm qbil mill-kunsillieri preżenti li l-kunsill għandu l-ewwel jikteb lil Mons. Etienne Sciberras sabiex isaqsi għall-opinjoni tiegħu dwar dan il-kas, imbagħad il-kunsill jimxi skont dak li jidhirlu l-aħjar għal komunita'**

Il-Kunsilliera J Higgans daħlet għal laqgħa 19.08

## 5.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI;

5.4.1 Pjanti madwar il-lokalita'

Il-Kunsillier R Borg saqsa jekk il-kunsill kellux pjan biex jinstalla *vertical green walls*.
Is-Sindku spjega li l-ewwel il-kunsill irid jikkonċentra fuq il-fjuri u l-ġonna eżistenti qabel ma jaħseb fil-*vertical green walls*.

5.4.2 Is-Seg. Eżek. informa il-kunsillieri preżenti dwar *staff re-structuring.* Qal li Melody Caruana Smith ser tieħu r-rwol ta' assistenta ta' Stefania Friggieri u ser jinbeda l-proċess sabiex jinfetaħ post vakanti fid-dipartiment tal-permessi. Qal ukoll li jrid jinħareġ tender għal post ta' *projects manager*. Dan ser isir lejn l-aħħar tas-sena.

Il-Kunsillier J Aquilina issuġġerixxa li x-xogħol tal-PM jinqasam fi tlett partijiet: (1) Fondi UE (2) DPF (3) Proġetti varji.
Il-Kunsillier R Borg issuġġerixxa li jinħareġ espressjoni ta' interess.

5.4.3 Is-Seg. Eżek. saqsa min mill-kunsillieri preżenti kien ser ikun evalwatur fuq ic-CFQ tad-dawl tal-Milied. Il-kunsillieri huma:
Zack Zammit, Anton Debono, Joe Aquilina.

5.4.4 Is-Seg. Eżek. qal li fil-11 ta' Diċembru ser isir l-ikla tal-Milied għal kunsillieri u l-impjegati kollha

## 5.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI;

5.5.1 Il-kunsillier R Borg qal li ltaqa' s-sotto kumitat tal-Airbnb fejn dan issuġerixxa li jibda x-xogħol għat-tfassil ta' *bye-law* dwar l-Airbnbs. Saqsa lil kunsillieri preżenti jekk jaqblu ma din il-proposta:
**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti**
Qal ukoll li jixtieq l-kunsill jibgħat ittra ta' ringrazzjament lil dawk kollha li qegħdin fis-sotto kumitat.

5.5.2 Il-kunsillier R Borg bħala chairperson tal-kumitat tal-finanzi ppreżenta' l-minuti tal-laqgħa ta' l-istess kumitat.
F'din il-laqgħa ġie diskuss perijodu ta' xahrejn fejn l-NGO's iridu jibgħatu t-talba għall-attivita' tagħhom.
Il-kunsillier R Borg ressaq għall-approvazzjoni tal-kunsillieri preżenti baġit ta' EUR3,600 bħala sussidju għall-attivitajiet għall-anzjani li ser isiru sa l-aħħar tas-sena.
**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti**
Il-kunsillier R Borg ressaq għall-approvazzjoni tal-kunsillieri preżenti baġit ta' EUR20,000 b'żieda ta' EUR5,000 (*contingency*) għall-attivita' Ġieħ tas-Sliema 2024.
**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti**

5.5.3 Il-kunsillier Z Zammit qal li flimkien mas-sotto kumitat tiegħu qed jaħdem sabiex jorganizza attivita' għal Jum Dinji tat-Tfal.
Appella lir-residenti Slimiżi sabiex jingħaqdu miegħu fis-sotto kumitati li huwa responsabbli tagħhom, speċjalment dak tal-kummerċ.

5.5.4 Il-kunsillier D Soler qal li s-sotto kumitat tiegħu ltaqa', u ser jgħaddi s-suġġerimenti fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsillier D. Soler ipprezenta rapport tas-sotto kumitat lill-Kunsill.

5.5.5 Il-kunsilliera J Higgans qalet li s-sotto kumitat tagħha qed jorganizza attivita' bit-tema *'Three Palaces'* fit-2 ta' Novembru ġewwa s-sala tas-Soċjeta' Mużikali Banda Sliema.

5.5.6 Il-kunsillier J Aquilina qal li ltaqa' mal-kappillani tal-parroċċi (jonqsu li jiltaqa' ma kappillan wieħed), fejn imbagħad ser jiġbor rapport li ser jippreżentah lil kunsill.

5.5.7 Il-kunsillier K Wain qal li għandu membri b'esperjenzi varja fl-arti kontemporanja għas-sotto kumitat li jmexxi u fil-jiem li ġejjien ser ilaqqa' l-istess sotto kumitat.

5.5.8 Il-kunsillier W Baldacchino qal li fil-jiem li ġejjien ser jifforma is-sotto kumitat tiegħu. Kompla jgħid li ser jaħdem biex jorganizza Sliema Sports Day lejn Frar 2025.
Spjega li waqt iż-żjara impenjattiva li kellu ġewwa l-belt ta' Balti l-Moldova flimkien mas-Sindku u s-Seg. Eżek. żaru bosta postijiet u għaqdiet sportivi.
Saqsa jekk il-kunsillieri preżenti jaqblu li issir stedina uffiċċjali lil Kunsill ta' Balti sabiex jiġu Malta fiż-żmien il-Karnival 2025. Fejn il-kunsill iħallas l-ispejjeż ta' l-akkomodazzjoni u spejjeż oħra relatati ma l-ikel u trasport pero' mhux il-vjaġġi ta' l-ajru.
**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti**

5.5.9 Is-Seg. Eżek qal li bejn il-15 u t-18 ta' Diċembru il-kunsill ser jilqa' delegazzjoni ta' madwar 8 min-nies mill-programm li qed jipparteċipa fih, *EU Network of Towns.* Kompla jgħid li meta l-programm ikun lest ser jingħadda lil kunsillieri sabiex ikunu preżenti għal ċertu attivitajiet.

5.5.10 Il-kunsilliera V Galea Pace spjegat dwar il-ħarġa li jmiss għall-anzjani u qalet li hemm konkorrenza tajba ħafna.

20:15 Il-kunsillier K Wain ħareġ mill-laqgħa
20:15 Il-kunsillier K Wain daħal għal laqgħa

5.5.11 Il-kunsillier Z Zammit ippropona li fl-uffiċċju tal-kunsill il-ġenituri jkunu jistgħu jiġbru ħelu għall-attività ta' *Trick or Treat* li ser tittella' minn grupp ta' residenti slimiżi għal festi ta' Halloween. Qal li l-ħelu ser iħallsu kollu huwa stess. Wara diskussjoni ittieħed vot kif ġej. Il-Kunsilliera david Soler u J. Dougall qablu mal-proposta tal-Kunsillier Z. Zammit. Is-Sindku, il-Kunsilliera R. Borg, K. Wain, J. Higgans u V. Galea Pace astjenew. Il-Kunsilliera J. Aquilina ivvota kontra. Il-proposta għaddiet.

21:03 Il-kunsillier W Baldacchino talab li jitlgħaq mill-laqgħa

5.5.12 Il-kunsillier Z Zammit qal jekk il-kunsill jistgħax jara jekk s-*search light post* li hemm QSS tistgħax tiġi restawrata minn xi entita' governattiva bil-kollaborazzjoni mal-kunsill lokali, ħalli din titgawda minn kulħadd.

5.5.12 Il-kunsillier Z Zammit saqsa dwar it-tiżbir tas-siġar madwar il-lokalita' speċjalment fuq il-promenade.
Is-Seg. Eżek spjega li l-kuntrattur responsabbli diġa' għamel l-applikazzjoni meħtieġa ma l-ERA, u qed jistenna risposta bid-data ta' meta jista' jibda dan x-xogħol.

21:15 Is-Seg. Eżek informa lil kunsillieri preżenti li kien skada l-ħin ta' 3 siegħat mill-bidu tal-laqgħa u talab jekk kien hemm qbil biex titkompla il-laqgħa.
**Kien hemm qbil mill-kunsillieri preżenti**

## 5.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

5.6.1 Is-Sindku ressaq zewġ skedi tal-pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill, dik tax-xahar (Settembru/Ottubru) kif titressaq b'mod regolari u oħra ta' dawk il-pagamenti li kienu ġewwa file li fiz-żmien Lulju 2024 ma setgħux jiġu mressqa għaliex kellna problema bis-server.

Tressaq pagament ieħor ta' CLD għat-Tizjin tal-Milied 2023 ta' Eur 2394.80. Is-SE spjega kif dawn huma dovuti lill-kuntrattur, għaliex il-ħwienet kummerċjali kienu ġew avviċinati biex jagħtu l-kontribut tagħhom izda sfortunatament mhux kulħadd wettaq dan.

Il-Kunsillier D. Soler ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier J. Dougall issekondah. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti.

Approvazzjoni tal-Pagamenti 5_15 t'Ottubru 2024

## 5.7 MOZZJONIJIET

5.7.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

## 5.8 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

5.8.1 Is-seduta ntemmet fid-9:26pm. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar 13 ta' Novembru 2024 fis-6pm.

Minuti approvati llum (DATA: 13 ta' Novembru 2024

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

**John Pillow**
**Sindku**

**Pierre P Portelli**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**